

# IT-TIENI GWERRA DINJIJA

Bombi niżlu, waqa' l-bini,
Nies imbeżżgħa, imdejqin;
Niket, ġuħ u sofferenza,
Għaddew minnhom il-Maltin.

Sabu l-kenn ġo xelters umdi,
Waqt attakk mill-barranin;
Kulħadd jitlob u jittama,
Lill-imbierka qaddisin.

Il-Maltin mal-għadu ssieltu,
Id-demm xtered kullimkien;
Iżd' għax kienu kuraġġużi,
Huma tqabdu bla waqfien.

Żmien il-gwerra, żmien bla paċi,
Il-qlub huma mifrudin;
Donnu ħadd ma jaf x'ser jiġri,
Bidliet żgur mistennijin!

***Cynthia Camilleri Cauchi***